

*Parti oħra fil-proċedura:* Finanzamt Kirchdorf – Perg – Steyr

Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) iddeċidiet permezz ta' digriet tal-20 ta' Jannar 2021 li t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesverwaltungsgericht Oberösterreich (l-Awstrija) permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Ġunju 2020 hija manifestament inammissibbli.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Social n° 26 de Barcelona (Spanja)  
fid-19 ta' Novembru 2020 – KM vs Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS)**

(Kawża C-625/20)

(2021/C 79/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Social n° 26 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* KM

*Konvenut:* Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS)

**Domandi preliminari**

- 1) Hija kuntrarja għal-leġiżlazzjoni Ewropea li tinsab fl-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali <sup>(1)</sup> u fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol <sup>(2)</sup> (tfassil mill-ġdid), inkwantu tista' twassal għal diskriminazzjoni indiretta minħabba s-sess jew il-ġeneru, id-dispożizzjoni Spanjola dwar il-kompatibbiltà tal-benefiċċji, li tinsab fl-Artikolu 163.1 tal-Ley General de Seguridad Social (il-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali), interpretata mill-ġurisprudenza, li tipprekludi l-kompatibbiltà ta' żewġ benefiċċji tal-invalidità permanenti totali rrikonoxxuti fl-istess skema, filwaqt li tirrikonoxxi l-kompatibbiltà tagħhom fil-każ li jkunu rrikonoxxuti fi skemi differenti, minkejja li fi kwalunkwe każ huma dovuti abbażi ta' kontribuzzjonijiet separati, b'teħid inkunsiderazzjoni tar-rappreżentazzjoni tas-sessi tal-iskemi distinti tas-Sigurtà Soċjali Spanjola?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, id-dispożizzjoni Spanjola tista' tkun kuntrarja għal dik Ewropea msemmija iktar 'il fuq fil-każ li ż-żewġ benefiċċji kienu jirriżultaw minn ferimenti differenti?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215.

<sup>(2)</sup> ĠU 2006, L 204, p. 23.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Giustizia amministrativa per la Regione siciliana (l-Italja) fis-27 ta' Novembru 2020 – Caruter s.r.l. vs S.R.R. Messina Provincia S.c.P.A., Comune di Basicò, Comune di Falcone, Comune di Fondachelli Fantina, Comune di Gioiosa Marea, Comune di Librizzi, Comune di Mazzarrà Sant'Andrea, Comune di Montagnareale, Comune di Oliveri, Comune di Piraino, Comune di San Piero Patti, Regione Siciliana – Urega – Ufficio regionale espletamento gare d'appalti lavori pubblici Messina, Regione Siciliana – Assessorato regionale delle infrastrutture e della mobilità**

(Kawża C-642/20)

(2021/C 79/25)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Giustizia amministrativa per la Regione siciliana